**Fil-Qorti tal-Magistrati Malta**

**Bhal Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A., LL.M(Kent)., LL.D., Barrister at Law (England & Wales)**

**Kaz Numru 85/2018**

**Il-Pulizija**

**(Supretendent Trevor Micallef)**

**Vs.**

**Roderick Zahra**

Illum 30 ta' Novembru 2021

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat Roderick Zahra, iben Nazzareno u Carmen nee` Borg, imwieled fid- 19 ta` Mejju 1984, Pieta`, residenti Hal- Millieri Blk D, Fl 2, Triq in-Nigem, Ghaxaq u detentur tal-karta tal- identita` 262484(M)

akkuzat talli f`dawn il-Gzejjer fis- 26 ta` Dicembru 2017 ghal habta tal-hamsa neqsin kwart ta` filghaxija (04:45p.m) f`San Giljan u/jew fill-vicinanzi :

Ikkommetta serq ta` diversi oggetti minn gewwa sit ta` kostruzzjoni li tinstab fi Triq il-Mediterran, San Giljan liema serq huwa kwalifikat bil-"mezz" u bil-"valur" (li ma jiskorrix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37 Euros) ghad-dannu ta` Elizabeth Saguna, Justin Axiaq u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra. (Art. 261(b),(c), 263(a) 267, 279(b) Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta)

Nakkuzah aktar talli fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer irrenda ruhu recediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li dan kien gie misjub hati b'sentenza moghtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu bil-miktub sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.[1]

Rat li matul l-ezami tal-imputat ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali li sar fl-udjenza tas-7 ta' Jannar 2019, l-imputat tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[2]

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif inhi diversament ippreseduta nhar il-10 ta' Mejju 2019 b'digriet moghti mis-Sinjurija Tieghu il-Prim' Imhallef Emeritus Dr. Joseph Azzopardi LL.D.[3]

Rat li fl-udjenza tas-6 ta' Frar 2020 l-partijiet iverbalizzaw li ezentaw din il-Qorti kif inhi ppreseduta milli terga tisma lix-xhieda kollha prodotti minn din

[1] Folio 26 ta' l-atti processwali
[2] Folio 35-37 ta' l-atti processwali
[3] Folio 63-68 ta' l-atti processwali

il-Qorti kif kienet diversament ippreseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta. [4]

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti kif kienet diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta;

Rat illi l-Prosekuzzjoni ddikjarat illi ma kellhiex provi ohra xi tressaq nhar il-11 ta' Jannar 2021.[5]

Rat illi d-Difiza ddikjarat illi lanqas hi ma kellha provi xi tressaq nhar il-20 ta' Lulju 2021.[6]

Semghet it-trattazzjoni tal-prosekuzzjoni li saret fl-udjenza ta' l-20 ta' Lulju 2021.[7]

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tad-difiza ta' l-imputat.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti u fliet l-atti kollha tal-kawza.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor tal-kaz**

Illi dan il-kaz imur lura ghal nhar is-26 ta' Dicembru 2017 ghal-habta tal-hamsa neqsin kwart ta' fil-ghaxija meta gewwa San Giljan l-imputat allegatament seraq ghodda tax-xoghol minn gewwa propjetajiet ta' Elizabeth Saguna u Justin Axiaq.

[4] Folio 75 ta' l-atti processwali
[5] Folio 134 ta' l-atti processwali
[6] Folio 141 ta' l-atti processwali
[7] Folio 152 ta' l-atti processwali

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xiehda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Fis-seduta tas-7 ta' Jannar 2019, sehed **l-Ispettur Trevor Micallef** (illum Supretendent) stazzjonat fl-Ghassa taz-Zejtun, li spjega kif fis-26 ta' Dicembru 2017 ghal habta tas-19:45hrs, gie nfurmat minn PS 790 Nathan Zerafa li kien dahal rapport minn certu Elizabeth Saguna li kien hemm xi hadd kien seraq xi affarijiet u ghodda ghad-detriment taghha u ta' certu Justin Asciak minn sit ta' kostruzzjoni li jinsab fi Triq il-Mediterran kantuniera ma' Triq Mikiel Anton Gaggiani, San Giljan, u gie pprezentat filmat. Xi sieghat wara, Saguna reghat ghamlet rapport li rega' mar fuq il-post l-istess persuna, li kien qed jaghmel uzu minn vettura BCE-637 Diahatsu Sirion. Saguna stqarret li din id-darba, kienu marru fuqu u waqqfuh minn dak li kien qed jaghmel. Skont ir-rapport, l-affarijiet allegatament misruqa kienu jinkludu kaxxa tal-ghodda, xi *wires* u xi zebgha. Minn investigazzjoni li saru, irrizulta li l-persuna involute kien l-imputat Roderick Zahra. Minn naha tieghu, ix-xhud kien baghat ghall-imputat nhar it-28 ta' Dicembru tal-2017 fejn dan ta stqarrija wara li ghazel li ma jikkonsultax ma' Avukat.

Ix-xhud gie riprodott in kontro-ezami fejn huwa ccara li ma kienx tkellem ma' Justin Axiaq izda kien sar rapport mal-Ghassa ta' San Giljan fejn kien gie dikjarat minnu li l-valur approssimattiv tal-affarijiet misruqa kien ta' €700. Qabel li mill-esperjenza tieghu, mhux facilment konciljabbi li nsterqu l-ammont ta' rollijiet ta' *wires* pretizi minn Justin Axiaq meta filfatt l-imputat deher hiereg b'kaxxa wahda tal-kartun. Ma kienx jaf jekk l-ufficjali tal-forensika li marru fuq il-post kienux sabu evidenza ta' xi zgass.

Fl-istess seduta xehdet **Elizabeth Saguna** li kkonfermat li fis-26 ta' Dicembru 2017 kienet ghamlet rapport dwar allegat serq minn zewg villel li kienu qed jinbnew fi Triq il-Mediterran, San Giljan li kienu proprjeta` taghha u ta' ohtha. L-affarijiet misruqa kienu jinkludu kaxxa tal-ghodda, affarijiet tal-elettriku u *plumbing* u nstab li kienet saret xi hsara ukoll minhabba li xi wires kienu gew imqaccta minn mal-*consumer unit.* Hija kkwantifikat il-valuri bhala circa €600 in kwantu ta' affarijiet misruqa u €300 in kwantu ta' hsarat izda ma kellhiex stimi jew ircevuti x'tipprezenta. Ix-xhud spjegat illi hija irnexxielha tikseb xi filmati mehdua fuq mobajl ta' proprjetajiet fil-vicinanzi. Aktar tard fis-26 ta' Dicembru ghall-habta tat-20:30hrs, hija kienet barra qed timxi bil-kelba u regghat rat lill-istess persuna hiereg mis-sit billi jaqbez il-hajt. Hemm gie affrontat mix-xhud, ir-ragel t'ohtha Justin Axiaq u missierha. Filwaqt li l-imputat harab minn fuq il-post, ix-xhud irnexxielha tiehu xi ritratti tal-karozza li kien biha. Fil-karozza, li kienet tat-tip Daihatsu Sirion, kien hemm ukoll mara bilqieghda. Mill-inkontru li kellha, ix-xhud setghat taghraf lill-imputat fl-awla. Ix-xhud spjegat li s-sit in kwistjoni kien maghluq sewwa permezz ta' *boundary wall*, kancell u katnazz. In kontro-ezami, ix-xhud ikkonfermat li l-kaxxa tal-ghodda allegatament misruqa kienet taghhom u mhux tal-haddiema inkarigati.

Fis-seduta tal-11 t'April 2019 xehed **Justin Axiaq** li spjega li nhar is-26 ta' Dicembru 2017, kien gie kkuntattjat minn gar tal-post fejn kienu qed jibnu u mghoddi filmat CCTV li juri persuna jisraq xi materjal relatat mal-elettriku u l-*plumbing*. Aktar tard dakinhar stess huwa ra b'ghajnejh lill-istess persuna fiz-zona, diehel fil-karozza. Spjega li l-affarijiet li nstabu nieqsa kienu xi rollijiet tal-*wires* u affarijiet ohrajn relatati mal-elettirku li gew stmati minn *electrician* li jiswew madwar €600. Spjega ukoll li kienet saret hsara fis-sens li tqacctu xi *wires* mid-*distribution box*. Ix-xhud gharaf lill-imputat fl-awla u pprezenta

fattura li tinkludi fiha whud mill-affarijiet allegatament misruq. In kontro-ezami spjega li l-oggetti kienu mizmuma gewwa store komuni bejn il-post tieghu u ta' Elizabeth Saguna, oht il-mara tieghu, minhabba li z-zewg postijiet kienu qed jinbnew f'daqqa. Iccara ukoll li huwa ma kienx ra lill-imputat hiereg mis-sit per se imma miexi fuq il-bankina fil-vicin. F'dak il-hin ma kellu xejn f'idejh. Rigward l-istima, ix-xhud stqarr li l-*electirician* ikun f'posizzjoni ahjar li jispjega l-valur tal-affarijiet misjuba nieqsa minhabba li l-fattura tinkludi ghadd ta' affarijiet li kienu jew diga` ntuzaw jew inkella ma nsterqux u kien hemm xi affarijiet ohrajn li ma kienux inkluzi f'dik il-fattura.

Ix-xhud gie riprodott fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2020 fejn filwaqt li kkonferma dak li kien diga` xehed, zied li kien innota li l-bieb tal-kamra fejn kienu jinzammu l-materjali kien gie zgassat billi inqata' l-katnazz li kien hemm. Spjega li bejn dak li kien ra fil-filmat u dak li ra b'ghajnejh izjed tard dakinhar, facilment seta' jaghraf lill-imputat. Ix-xhudipprezenta zewg fatturi ohra li huwa kien sab li ukoll jinkludu xi materjal li kien fuq is-sit u li nstab nieqes.

Fl-istess seduta xehed **Roberto Sciberras**, li huwa gar tas-sit in kwistjoni. Huwa kkonferma li kien ghadda filmat lil Elizabeth Saguna, liema filmat kien juri persuna jaqbez il-*boundary wall* tas-sit u qed jiehu xi oggetti, li imbaghad poggiehom f'karozza li kien hemm ipparkjata fi Triq Michele Cangiano. L-oggetti kienu xi barmil taz-zebgha, kaxxa tal-kartun u kaxxa tal-hadid ta' lewn blu jew griz. Spjega li huwa ghadda l-filmat lill-Saguna permezz ta' Whatsapp. Ix-xhud stqarr ukoll li fil-fehma tieghu, hemm grad ta' xebh bejn il-persuna li tidher fil-filmat u l-imputat prezenti fl-awla.

Ix-xhud gie riprodott fis-seduta tas-6 ta' Frar 2020 fejn rega spjega li huwa kien gibed filmat bil-mobajl tieghu ta' persuna li dahal ghal tlett darbiet fis-sit

tal-kostruzzjoni, jiehu xi affarijiet u jghabbihom fil-karozza. Ikkonferma li dan kien nhar is-26 ta' Dicembru 2017.

Fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2020 xehed **PS 790 Nathan Zerafa**, stazzjonat fl-Ghassa ta' San Giljan, li kkonferma li huwa kien ha r-rapport li kien maghmul minn Elizabeth Saguna dwar l-incident *de quo*. Ix xhud spjega li dakinhar, kien inghata deskrizzjoni tal-persuna involute, fejn dan kien liebes flokk ahmar, qalziet iswed u zarbun *beige*.

Fis-seduta tat-22 t'Ottubru 2020 xehed **Dr Steven Farrugia Sacco**, espert nominat mill-Qorti, li halef u pprezenta r-relazzjoni tieghu, li fiha huwa eleva u stampa diversi fotogrammi mill-filmat li gie mghoddi lilu.

**Ikkunsidrat**

**Grad tal-prova fi proceduri penali għas-sejbien ta' ħtija**

Il-prosekuzzjoni trid dejjem tipprova sal-grad rikjest mil-ligi kemm l-element materjali kif ukoll dak formali tar-reati in ezami. Dan ma jfissirx li l-prosekuzzjoni ghandha tipprova l-elementi kostituttivi tar-reati mertu tal-imputazzjoni sal-grad tac-certezza assoluta, izda dejjem sal-grad lil hinn minn kull dubju ragonevoli.

Fis-sentenza **Pulizija vs Marco Farrugia, Kevin Galea u Marcel Mizzi**[8], ghalkemm fuq reat differenti, il-Qorti tal-Appell tghallem hekk:

> *"Issa, pero', gja' la darba huwa necessarju li sabiex ikun hemm dan id-delitt, <u>bhal kull delitt iehor, mhux bizzejjed li jigi pruvat l-element materjali</u>*

[8] Appell Kriminali (Inferjuri) 284/2000 PV; 31.05.2001

*biss, izda l-prosekuzzjoni trid tipprova, lil hin minn kull dubju ragjonevoli, li kien jezisti fl-istess hin li qed isir l-att materjali, l-element tal-mens rea, l-element formali, il-Qorti trid tara jekk in bazi tal-provi li l-ewwel Qorti kellha quddiemha u li apprezzat, setghetx legittimament u ragjonevolment tasal ukoll ghall-konkluzjoni li t-tlett appellanti, jew min minnhom anke separatament, intenzjonalment jew volontarjament ghamlu dak l-att materjali li wassal ghar-reat jew reati in kwistjoni, jew jekk fizikament ma ghamluhx huma, ghall-anqas setghux mic-cirkostanzi ragjonevolment ikunu jafu li qed issir dik l-attivita' fil-hanut in kwistjoni li jappartjeni ghas-socjeta' li huma d-diretturi taghha, u, b'dan kollu,* ***ghalkemm kienu konsapevoli ta' dan, jew setghu ragjonevolment ikunu konsapevoli ta' dan, ma ghamlu xejn sabiex jwaqqfu dik l-attivita'****. Fi ftit kliem, din il-Qorti trid tara jekk mill-apprezzament tal-provi li taghmel hi, liema ezercizzju ma taghmlux sabiex tissostitwixxi dak li ghamlet l-ewwel Qorti, in bazi ta' dawk il-provi, setghetx l-ewwel Qorti ragjonevolment u legalment tasal sabiex tikkonkludi li t-tlett appellanti, jew min minnhom, kellu din il-konsapevolezza, din l-intenzjoni kriminuza tant rikjesta, apparti l-aspett materjali."*

*"Sabiex wiehed ikun sodisfatt li dan l-element formali kien jezisti fit-tlett appellanti, jew f'xi hadd minnhom, il-Prosekuzzjoni* ***ghandha l-oneru li tipprova sal-grad tal-konvinciment morali li l-appellanti, jew min minnhom, kienu ben konxji li qed issir dak ...[ir-reat]... u, b'dan kollu, ikkonkorrew u ghenu fil-ksur tal-ligi billi hallewh isir.****"*

Oltre dan il-htija tirrizulta meta mill-provi tkun tirrizulta l-istess htija lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Fil-kawza **Pulizija vs Paolo Farrugia** huwa risaput li *"hija regola tal-procedura kriminali li l-prova trid tkun shiha u soddisfacenti"*[9] u li, bhala principju fondamentali tal-process gudizzjarju fil-kamp penali, il-provi migjuba jridu jwasslu ghal sejbien ta' htija minghajr dubju dettat mir-raguni, *"u jekk jezisti dak id-dubju, dan imur favur l-akkuzat"*.[10]

Illi fil-kaz **Pulizija vs Lans John**[11] gie ritenut li *"fil-kamp penali kull dubju dettat mir-raguni ghandu dejjem imur favur l-imputat"*.

Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**[12] ghamlet ukoll riferenza ghall-ispjegazzjoni tal-espressjoni *"beyond reasonable doubt"* moghtija minn Lord Denning fil-kaz **Miller v Minister of Pension (1974 – ALL Er 372):** *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs Joseph Muscat**[13]

> *'Illi l-prosekuzzjoni ghadnha l-obbligu li tipprova il-kaz taghha lil hin min kul dubbju dettat mir-raguni. Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri*

---

[9] Appell Kriminali (inferhuri), 1.8.1959
[10] Vide f'dan is-sens (**Repubblika ta' Malta vs Jose' Edgar Pena** (Appell Kriminali (Superjuri) 5.12.2012; u **Repubblika ta' Malta vs George Spiteri**, (Appell Kriminali (Superjuri) 5.7.2002.
[11] Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali) deciza 21/2/2002
[12] deciz 5/12/1997
[13] deciza mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-11 ta' April 2017

*u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-*

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

*Jinghad f'dan l-istadju li l-imputat mhux tenut li jressaq l-ebda prova sabiex jipprova l-innocenza tieghu, izda hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha sal-grad li trid il-ligi u cioe' beyond reasonable doubt would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."'*

Il-Qrati taghna jikkonkludu li l-istess jghodd ukoll ghal provi indizjarji. Anke dawn ghandhom iwasslu ghal prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Ghalhekk, sabiex tinstab htija fil-kamp penali, ma hemmx il-htiega li l-provi jkunu biss dawk diretti izda, anke meta ma jkunux, il-prosekuzzjoni trid dejjem tipprova l-kaz taghha sal-grad mehtieg. Ghalhekk, sabiex tinstab il-htija, provi indizzjarji jridu jkunu univoci u jwasslu ghall-konluzjoni wahda biss u cioe' il-htija.

Kif jinghad fis-sentenza **Il-Pulizija (Spettur Joseph Busuttil) vs Rupert Buttigieg** (deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-11 ta' Lulju 2019):

*"Huwa mportanti wkoll li l-Qorti tfakkar lill-partijiet dwar x'jikkostitwixxu provi ndizzjarji. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgha (9) ta' Gunju, 1998 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Daeowood Sayed*

*Dawood Abd el Kaader' hemm referenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kawza fl-ismijiet '**Teper v The Queen**' [1952] AC 480, 489.*

*It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no (sottolinear ta' din il-Qorti) other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference." Ghalhekk kif intqal fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il- hamsa (5) ta' Ottubru, 1998 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Joseph Gauci et**', li:*

*"Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics.*

*Bhala konkluzjoni dwar x'inhu l-ahjar prova, il-Qorti tissottolinea li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u ndividwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir- reqqa kollha l-provi prodotti f' dan il-kaz.*

*Din il-Qorti fortunatament qieghda f'posizzjoni vantaggjuza meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex ghalkemm il-process ma kienx quddiemha minn dejjem, kienet hi li ghexet il-process u semghet ix-xhieda kollha tul medda ta' zmien u cioe' tisma' viva voce l-provi kollha u ghalhekk*

*setghet tikkontrolla l-kredibilita' u veracita' tax-xhieda prodotti quddiemha specjalment dawk li xehdu in kontro-ezami."*

B'hekk isegwi li jekk il-provi jistghu iwasslu ghal aktar minn konkluzjoni wahda, u jpoggu lill-Qorti f'salib it-toroq, tali provi ma jistghux jitqiesu bizzejjed fil-kamp kriminali sabiex iwasslu ghall-htija lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Dwar dan, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Robert Vella) (Spettur Ramon Mercieca) Vs Omissis, Kenneth Borg**[14] fejn gie kkunsidrat:

*"12. Illi dawn id-divergenzi kollha qatt ma setghu iwasslu ghall- konkluzzjoni li kien hemm ftehim komuni bejn Caruana u l- appellant sabiex issir din is-serqa. L-ewwel Qorti sabet li kien hemm prova wahda diretta konsistenti filli Caruana ghaddiet ic-curkett lill- appellant. Dan wahdu ma ghandux ikun kondicenti ghal sejbien ta' htija tant illi l-Qorti strahet fuq il-provi indizzjarji. Opportunement ikun mfakkar izda illi l-provi indizzjarji jew hekk imsejjha cirkostanzjali huma biss ta' siwi meta jkunu univoci u jippuntaw f'direzzjoni wahda. Fil-kaz odjern, dawn l-indizzji huma karenti minn din il-kwalita u konsegwentement ma thossx, din il-Qorti, li setghet ragjonevolment u legalment tinstab htija fl-appellant mill- Qorti tal-ewwel grad;"*

Anke fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija Spettur Neil Harrison Vs Simeon Nicholas Sultana**[15] gie kkunsidrat:

*'Illi in vena legali l-Qorti tosserva li sabiex il-prova indizzjarja twassal ghas-sejbien ta' hitja, trid tkun* ***cara u univoka*** *fis-sens li*

[14] Deciza Appell Kriminali 27/3/2017
[15] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' gudikatura kriminali fl-1 ta' Novembru 2001

*twassal* ***necessarjament,*** *u f'kuntest ta' dak li hu* ***ragjonevoli****, ghall-htija tal-imputat. Fi kliem iehor, l-elementi ta' prova kostitwenti l- prova indizzjarja jridu jkunu bazati fuq* ***cirkostanzi provati li, interpretati b' mod ragjonevoli, ma jistghux iwasslu ghal konkluzjoni ohra ghajr dik tas-sejbien ta' htija****. Multo magis meta din tkun l-unika prova li fuqha l-prosekuzjoni qeda isserrah il- kaz taghha. F' kaz li l-elementi ta' prova jistghu ragjonevolment jwasslu ghal konkluzjoni li ma tkunx is-sebien ta' htija, allura ghandha tapplika l-massima 'in dubbio pro reo' u cioe' li dan id-dubbju ragjonevoli ghandu jmur favur l-imputat.'*

**Ikkunsidrat**

**Principji Legali**

**L-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet - Ir-reat ta' serq aggravat**

Illi l-imputat huwa akkuzat talli ikomettiet serq ta' ghad-dannu ta' Elizabeth Saguna u Vincent Axiaq liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur.

Id-definizzjoni ta' serq li giet segwita fil-gurisprudenza Maltija hija dik adottata mill-**Carrara** li tigbor fiha l-elementi kollha tas-serq, jigifieri l-kontrettazzjoni doluza ta' oggett li jappartjeni lil haddiehor akkwistat b'mod frawdolenti bil-hsieb li jaghmel il-qliegh mir-res furtiva[16]. Infatti skond il-**Professur Mamo** din id-definizzjoni tikkomprendi t-totalita'ta' hames elementi li lkoll iridu jigu sodisfatti sabiex il-gudikabbli jigi misjub hati. Dawn l-elementi huma:

1. *The contrectatio of the thing;*
2. *Belonging to others;*
3. *Made fraudulently;*

[16] *'La contrattazione doloza della cosa altrui fatta in vito domino con animo di farne lucro'.*

4. *Without the consent of the owner;*
5. *Animo lucrandi.*

Illi dawn huma kkonfermati fis-sentenza **Il-Pulizija Spettur Joseph Mericeca vs Jonathan Zammit**.[17]

Il-Qorti f'dik is-sentenza kkunsidrat li:

'*5. Dawn il-fatti mghandhomx mir-reat ta' serq li jirravviza l- konkorrenza ta' hames elementi palezament accettati mill-Qrati taghna li huma: (i) il-kontrettazzjoni ta' haga (ii) ta' haddiehor; (iii) b'qerq; (iv) kontra l-volonta' tas-sid u (v) bl-iskop ta' lukru. Il- provenjenza ta' dawn l-elementi hija traccabbli ghall-insenjament tal-Carrara (Prog. Parte Speciale Vol Iv, para 2017) meta ifisser is-serq bhala "La contrettazione dolosa della cosa altrui,fatta invito domino, con animo di farne lucro".*'

L-aggravji tas-serq li bihom giet mixli l-imputat f'dan il-kaz huma elenkati fl-artikolu 261 tal-Kodici Kriminali li jinkludu l-aggravju tal-mezz u tal-valur. Dawn qed jissemmew specifikament u limitatament minn din il-Qorti in vista tal-imputazzjonijiet kif migjuba kontra l-imputat u li jinkorporaw biss dawn l-aggravji.

Skond il-Kodici Kriminali l-aggravju tal-mezz li jista jsir b'diversi modi wkoll skond kif senjalati fl-artikolu 263, 264 u 265 tal-istess Kodici, jinkludi meta jkun hemm sgass, ksur jew skalata sabiex issir access fil-post li jkun ser jinsteraq.

Il-valur jaggrava s-serq skond dak dispost fl-artikolu 267 u li jirrizulta jekk il-valur tal-oggett misruq jeccedi l-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94).

**Ikkunsidrat**

[17] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-27 ta' Marzu, 2017 (Appell Numru: 400/2015)

**Provi mressqin mill-prosekuzzjoni**

Fir-rapport tal-pulizija li ggib ir-referenza NPS 6A/N/8252/2017[18] jirrizulta li Elizabeth Saguna u Vincent Axiaq kien rraportaw mal-pulizija serq li kien sar minn sit ta' bini f'kantuniera bejn Triq il-Meditteran u Triq Mikiel Ang Cagiano, San Giljan. Minn ezami tal- *footage* li kien hemm fejn il-sit deher persuna jitla ma hajt qasir ta' madwar sitt piedi u jaqbez gewwa l-propjeta'. Sussegwentement, il-persuna deher iggor ghodda ta' bini u tad-dwal. Dan il-persuna kien liebes flok ahmar u qalziet iswed u b'dehera tal-gilda skura.

Meta dan il-persuna rega' mar fuq is-sit in kwistjoni, il-pulizija kienu pronti u attendew fuq il-post u sabu l-persuna li seraq tiela f'karozza bin-numru tar-registrazzjoni BCE 637 riekeb ma mara ohra.

**Ikkunsidrat**
**Il-verzjoni ta' l-imputat**

Illi l-istqarrija ta' l-imputat Roderick Zahra ittiehdet nhar it-28 ta' Dicembru 2017 gewwa l-ufficju ta' l-Ispettur (illum Supretendent) Trevor Micallef, fil-prezenza ta' l-Ispettur Nikolai Sant. L-istqarrija ittiehdet wara li kienet inghatatlu s-solita twissija dwar xiex kien qed jigi investigat u wara li nghatawlu d-drittijiet kollha tieghu dwar il-jedd li jikkonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu qabel issirlu xi interrogazzjoni[19].

Illi wara li l-imputat inghata il-jedd li qabel ma issirilu xi investigazzjoni jithalla, kemm jista jkun malajr, jitkellem privatament ma' avukat jew prokuratur legali, wicc imbwicc jew bit-telefon ghall mhux aktar minn siegha

[18] Folio 3-8 ta' l-atti processwali
[19]Folio 9-10 ta' l-atti processwali

zmien, jew fil-prezenza tal-avukat waqt l-interrogazzjoni innifisha, ghazel li ma jezercitax dan id-dritt u rrinunzja ghalih.[20]

L-imputat ghazel li jiffirma kull pagna ta' l-istqarrija u ammetta li dak in-nhar tas-26 ta' Dicembru 2017 dahal minghajr permess gewwa sit ta' kostruzzjoni fi Triq il-Mediterran kantuniera ma Triq Mikielang Cagiano, San Giljan u seraq.

L-affarijiet li seraq kienu

*"Rukkelli tal-wires tad-dawl. Qisu xi hdax jew tnax ir-rukkell. Dawn qassamthom go zewg kaxxi u barmil taz-zebgha li kien vojt."*[21]

Meta kien ikkonfrontat dwar ghodda u materjali ohra li seraq cahad li kien hadhom u dan wara li gie muri l- *footage* jurih hiereg b'oggetti ohra.

*"Jiena biz-zewg kaxxi li ghedtlek u barmil hrigt. Kien hemm kaxxa tal-kartun li kien fiha xi reducers li jintuzaw biex igannat pipe ma pipe, qlibt l-oggetti li kien fiha jigifieri zvojtajta mal-art u uzajta biex impoggi l-wires fiha."*

Meta kien mistoqsi x'ghamel bl-affarijiet stqarr li kien bieghhom fl-ammont ta' seba' u tlettin Euro (€37) minghajr ma qal lil min.

Mix-xhieda ta' Elizabeth Seguna[22] ikkonfermat li s-serq sar minn zewg villel li dak iz-zmien kienu qed jibnu hi u ohta. L-oggetti li gew misruqa kienu materjal u ghodda tax-xoghol li qatt ma gew ritornati lura lilhom u li biex sehh is-serq il-halliel kien sgassa kamra msakkra.

---

[20] Folio 11 ta' l-atti processwali
[21] Folio 10 ta' l-atti processwali
[22] Folio 40-45 ta' l-atti processwali

Bhala valur ta' l-oggetti ix-xhud tghid li kellha stima li affarijiet misruqa jiswew mas-sitt mitt Euro u l-hsara li gralhom kien madwar tlett mitt Euro.

Xi jiem wara li grat is-serqa x-xhud spjegat kif regghu marru fuq il-post u sabu lil imputat hemm. Meta affrontawh biex jistenna l-pulizija harab l' hemm izda rnexxilhom jiehdu ritratti tal-vettura li tela fiha u infurmaw il-pulizija.

Ix-xhud ikkonferma li l-ghodda u l-materjali li nsterqu kienu taghha u ta' ohta personalment ghaliex huma xtrawhom.

Mix-xhieda ta' Justin Axiaq[23] ikkorobora x-xhieda li tat Elizabeth Saguna u ikkonferma li kienu inizjalment saru jafu bis-serqa wara li raw l-*footage*. Sussegwentement regghu insertaw il-halliel fuq il-post u ikkonfrontawh. Ix-xhud esebixxa zewg stimi li juru whud mill-materjal li nsteraq u ikalkula li kien hemm madwar hames mija sa sitt mija ta' affarijiet misruqa. [24]

In kontro ezami kemm Saguna u Micallef ikkonfermaw li meta kienu ikkonfrontaw lill-imputat ma kellu xejn f'idejh u skont Saguna dan kien ghaliex ma kienx fadallu x'jistraq it-tieni darba.[25]

Mix-xhieda ta' Roberto Sciberras[26] irrizulta li hu kien ghadda kopja ta' *footage* lill-vittmi li f'dan il-*footage* jidher persuna jaqbez ic-cint u jisraq oggetti minn gewwa l-propjetatjiet in kwistjoni u ipoggihom fil-vettura tieghu li kienet ipparkjata fi Triq Michele Cangiano. Ix-xhud ikkonferma wkoll li minkejja l-*footage* ra l-imputat b'ghajnejh jidhol u jisraq.

[23] Folio 50-56 u 85-93 u 147-150 ta' l-atti processwali
[24] Dok JA1, Folio 57-58 u Dok JA2, Folio 94-95 ta' l-atti processwali
[25] Folio 53 ta' l-atti processwali
[26] Folio 59-61 u 76-79 ta' l-atti processwali

Illi fl-udjenza tad-29 ta' Settembru 2020, il-Qorti, fuq talba tal-prosekuzzjoni, hatret lill-Dr. Stephen Farruga Sacco bhala espert sabiex jezamina USB[27].

Mix-xhieda u d-dokument esebit mill-espert Dr. Stephen Farrugia Sacco[28] irrizulta b'mod car dehra tas-sit in kwistjoni, b'persuna samrani liebes flokk ahmar u qalziet iswed jaqbez ic-cint fil-propjeta'. Jidher ukoll l-istess persuna jerga' jaqbez 'il barra iggorr xi affarijiet.[29] Ritratti ohrajn juri kif il-post gie sgassat sabiex jakkwista access ghal-post in kwistjoni u finalment jirrizulta ritratti li jidentifikaw in-numru tar-registrazzjoni tal-karozza.[30]

Fil-konkluzjoni tar-rapport, l-espert jirrileva li *"ma tidher l-ebda time stamp fuq il-filmati u ghalhekk fuq il-fotogrammi li ha l-esponent. X'aktarx il-filmati ittiehdu permezz ta' device bhala telefon cellular, u ghalhekk sabiex wiehed jigbor aktar informazzjoni, wiehed ikollu janalizza tali device direttament."*[31]

**Ikkunsidrat**

Illi wara li l-Qorti ezaminat ix-xhieda u d-dokument, inkluz u partikolarment l-istqarrija ta' l-imputat li tressqu l-Qorti hija konvinta li l-imputat huwa responsabbli ghas-serqa li sehhet. Apparti li l-imputat ammetta l-involviment tieghu fl-istqarrija, sussegwentement gie iddentifikat bhala l-persuna li kien dahal fil-propjeta meta nsterqu l-oggetti u rega gie identifikat meta rega' mar it-tieni darba. Id-difiza ta' l-imputat itenni li l-kaz ma giex ippruvat minhabba li l-espert Dr. Farrugia Sacco ma setax jipprovdi *time frame* ta' l-incident. Madankollu l-Qorti tqis li x-xhieda ta' Robert Sciberras hija cara u ghandha mis-sewwa meta kkonferma d-data tas-serqa, identifika l-imputat fil-Qorti

[27] Folio 46 ta' l-atti processwali
[28] Folio 102-103 u 142-146, Dok SFS Folio 104-133 ta' l-atti processwali
[29] Folio 112-122 ta' l-atti processwali
[30] Folio 132-133 ta' l-atti processwali
[31] Folio 109 ta' l-atti processwali

bhala l-persuna li kien dahal fil-propjeta u li kien il-persuna ta' liema ha l-*footage* bil-mobile tieghu. Sussegwentement, is-sidien tal-propjeta ikkonfermaw li l-propjeta taghhom giet sgassata meta saret dik is-serqa.

Fir-rigward il-valur, ghall-ewwel il-vittmi jsemmu c-cifra ta' €700. Madankollu, sussegwentement, il-vittmi itennu li l-valur ta' l-oggetti misruqa huwa ta madwar hames mitt sa sitt mitt Euro u f'dan ir-rigward esebew zewg stimi. Madankollu, il-Qorti ma tafx minn fejn dawn is-stimi originaw u minn kien il-persuna/stabbiliment ta' sengha li provdiet dawn il-valuri. Illi l-prosekuzzjoni ma ressqitx il-persuna responsabbli li hareg dawn is-stima u ghaldaqstant id-difiza ta' l-imputat gie wkoll mcahhda milli taghmel il-verifiki opportuni dwarhom. Dan aktar u aktar fid-dawl li l-imputat, fl-istqarrija tieghu, isemmi li bieghhom kollha ghas-somma komplessiva ta' €37. Ghaldaqstant stante li ma tessqitx l-ahhjar prova sabiex din il-Qorti taccerta ruha li l-valur ta' l-oggetti misruqa jeccedi l-ammont ta' aktar minn mitejn u tnejn u tlettin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), din il-Qorti ma tqis li l-aggravju tal-valur ma giex ippruvat.

Ghalhekk, wara li din il-Qorti gharblet il-provi kollha imressqa, tqis li l-assjem tal-provi migbura u mressqa quddiemha jwassluha ghall-konvinciment li l-prosekuzzjoni rnexxilha tipprova il-kaz taghha sal-grad rikjest f'proceduri penali fir-rigward l-ewwel imputazzjoni imressqa kontra l-imputat u sejra tghaddi sabiex issibu hati taghha, izda biss bl-aggravju tal-mezz, li jirrizulta provat, u mhux dak tal-valur, li kif gja' inghad, ma giex soddisfacjentement ipprovat.

**Ikkunsidrat**

**L-addebitu tar-recidiva**

Illi l-imputat Roderick Zahra gie akkuzat ukoll tali fl-istess perjodu u zmien irrenda ruhu recidiv taht l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-prosekuzzjoni esebit il-fedina penali ta' l-imputat[32] li fiha jidhru registrati sentenzi relatati mas-serq.

Madankollu l-prosekuzzjoni ma ressqet ebda prova ohra, u cioe naqset li tezebixxi s-sentenzi relattivi sabiex tipprova li l-imputat jista jigi kkunsidrat recidiv.

Ghaldaqstant din il-Qorti fuq nuqqas ta' provi sufficjenti, sejra tilliberah mit-tieni imputazzjoni dwar l-addebitu tar-recidiva.

**Ikkunsidrat**

Illi ghall-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi:

-Il-prosekuzzjoni esebiet il-fedina penali ta' l-imputat.[33] Il-fedina penali ta' l-imputat hija refrettarja u minnha jirrizultaw tmien sentenzi registrati relatati mas-serq u d-droga bl-iktar wahda ricenti kienet inghatat xahrejn u nofs qabel ma sehh dan ir-reat.

[32] Folio 12-25 ta' l-atti processwali

[33] Folio 12-25 ta' l-atti processwali

- L-imputat qatt ma wera rimors, wisq anqas irritorna l-oggetti misruqa jew ikumpensa lill-vittmi.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(b)(c), 263(a), 267, 278(1), 279(b), 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Roderick Zahra **hati** ta' l-ewwel imputazzjonijiet dedotta kontrieh, aggravata biss bl-aggravju tal-mezz u mhux dak tal-valur u ssibu mhux hati tat-tieni imputazzjoni, ossija l-addebitu tar-recidiva, u konsegwentement tikkundannah piena ta' prigunerija ta' **tmien (8) xhur** li minnhom ghandhom jitnaqqsu dawk skontati taht arrest preventiv.

**Moghtija illum nhar it-30 ta' Novembru 2021 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**
**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**
**Deputat Registratur**